**Laqgħa tal-Kumitat Permenanti għat-Teknoloġija, Informatika u Intelliġenza Artifiċjali**

**Post:** Malta Digital Innovation Authority
**Data:** 13 ta' Jannar 2026
**Ħin:** 16:45
**Preżenti:** Onor. Ray Abela, Onor. Jerome Caruana Cilia, Onor. Abigail Camillieri għan-nom tal-Parlament ta' Malta, Sur Kenneth Brincat, is-Sur Gavlin Flores u Dr Gene May Mifsud għan-nom tal-Malta Digital Innovation Authority.

Saret introduzzjoni mill-Onor. Ray Abela bħala Chairperson tal-Kumitat Permanenti għat-Teknoloġija, Informativa u Intelliġenza Artifiċjali fejn intqal li l-laqgħa qed issir bħala parti minn sett ta laqgħat fejn se jkun diskuss it-teknoloġija u l-intergrazzjoni ta' għodda diġitali.

Sur Kenneth Brincat irringrazzja lill-Parlament u dan għaliex ra l-importanza tal-Intelliġenza Artifiċjali. Saħaq li r-rwol tal-MDIA jinqasam fi tlieta li kienu Government, Enablement u Education. Wara din l-introduzzjoni, is-Sur Gavlin Flores u Dr Gene May Mifsud bdew bil-preżentazzjoni tal-MDIA.

Fil-preżentazzjoni ssemmew diversi punti differenti fosthom:
- Pjan Strateġiku 2023 u 2025 (u x'sar s issa) kif ukoll il-Pjan Strateġiku 2026 u 2030
- Strateġija Nazzjonali għall-Intelliġenza Artifiċjali
- Addozzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali
- Sitwazzjoni ta' Deepfakes (u ġie aċċennat l-importanza tal-EU AI Act)
- Cyber Resilience Act
- Match Making of Data
- Kunfidenzjalità (sar aċċess għal Business Data to Government Emergency (B2G))
- Rikonoxximent għall-Esperti fil-Qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali u Cyber Security
- Ħiliet Diġitali
- Informazzjoni dwar id-DiHubMT
- AI Factory Antenna
- Affarijiet Internazzjonali
- E-Wallet
- Unesco Code of Ethics
- Proġetti li qed isiru mill-MDIA
- Servizz ta' tagħlim tal-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-komunitajiet parrokkjali lil anzjani.
-

Kien hemm xi mistoqsijiet mill-Membri Parlamentari. L-Ewwel mistoqsija kienet rigward l-EU AI Act u jekk hux importanti li tkun minn tal-ewwel li l-pajjiż jdaħħal l-EU AI Act jew inkella hux każ li l-pajjiż jistenna biex idaħħal din il-liġi biex jara xi jkun qed jinbena fuq dik il-Liġi. Mistoqsija oħra kienet dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għal Kulħadd u l-Intelliġenza fl-Edukazzjoni.

Fl-aħħar qabel ma laqgħa spiċċat, sar aċċenn għall-Iskema li ssemmiet fil-Budget bl-Isem AI għal Kulħadd, fejn ingħata informazzjoni ta' kif wieħed se jkun jista' japplika għaliha u x'ħa jkun jirrikjedi biex persuna tkun tista' tikseb ċertifikat li temmet il-kors b'suċċess kif ukoll il-premium subscription key ta AI source.